MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 81/2013

**S&R (Handaq) Limited (C-5790)**

**vs**

**Technical Services Bureau Limited (C-30639)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Marzu 2013 gold fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta'

konvenuta sabiex [i] tirritorna r-recipjent tal-hadid (*isotank*) ta' elf litru (lt 1,000) proprjeta' tal-kumpanija esponenti li fih gie lilu konsenjat *methanol 501.52* kif jidher mill-fattura tat-tnejn (2) ta' Awwissu, 2006 [kopja annessa **DOK A**] u liema recipjent hija naqset milli tirritorna anke wara li giet interpellata ghal dan l-iskop inkluz b'ittra legali tat-tmienja (8) ta' April, 2008 [kopja annessa **DOK B**]. Dan ir-recipjent kien mertu tad-decizjoni tal-appell numru 704/2008, deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu, 2012 [kopja annessa **DOK C**] liema decizjoni ordnatilha thallas kumpens ammontanti ghal hames mitt Ewro (€500) ghall-uzu illegali tal-istess recipjent ghal perjodu mill-2006 sal-2012 filwaqt li kkonfermat illi hija qed tuza l-istess recipjent illegalment u minghajr il-kunsens tal-esponenti; [ii] fin-nuqqas ta' ritorn, thallas il-valur tal-istess recipjent fl-ammont ta' €2,061.50 rizultanti mill-fattura hawn annessa bhala **DOK D**; [iii] thallas ammont li ghandu jigi likwidat minn din il-qorti *arbitrio boni viri* f'kumpens ghal kontinwat uzu illecitu tar-recipjent imsemmi li baqa' fil-pussess anke wara d-data tad-decizjoni tal-appell fuq referit.

Bl-ispejjez gudizzjarji u *extra*-gudizzjarji relattivi ghal din it-talba kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-ligi u b'ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Technical Services Bureau Limited li giet prezentata fil-15 ta' Mejju 2013 fejn eccepiet:

*"Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez minhabba s-segwenti ragunijiet:*

1. *Fl-ewwel lok ir-res judicata stante li dak li qed titlob is-socjeta' attrici gia' gie deciz minn dawn il-Qrati permezz tal-kawza fl-istess ismijiet deciza finalment mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu 2012, esebita mill-istess atturi bhala Dok. C;*
2. *Illi t-tieni u t-tielet talba huma inkompatibbli;*
3. *Illi fil-mertu l-ebda ammont ma huwa dovut stante li l-istess atturi kienu rrinunzjaw ghall-hlas tal-prezz tat-tank;*
4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-prezz tat-tank huwa esagerat;*
5. *Illi in kwantu jirrigwarda hlas ta' kumpens ghall-uzu din it-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(f) tal-Kap. 16;*
6. *Illi t-talba ghall-hlas tal-valur tat-tank hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16.*
7. *Salv eccezzjonijiet ohra."*.

**Frank Sammut** xehed fis-16 ta' Mejju 2013 fejn iddikjara li huwa m'ghandux ghalfejn jigi kkundannat biex jirritorna recipjent tal-hadid *isotank* u sa fejn jaf hu diga hallas is-somma ta' €2,061.50 u cioe' l-valur tar-recipjent. Huwa sostna li sa fejn kien jaf hu ma ghandu xejn x'jaghti lis-socjeta' attrici.

Rat il-verbal tal-21 ta' Gunju 2013 (fol. 27) fejn l-avukati tal-partijiet ftehmu li issir allegazzjoni tal-atti tal-kawza numru 704/08 RCP fl-istess ismijiet deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Infejuri) nhar id-29 ta' Marzu 2012 u d-digriet taghha tal-istess jum fejn ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex jallega dawn l-atti msemmija fil-verbal.

Rat is-sentenza preliminari li nghatat fit-2 ta' Ottubru 2013 fejn din il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

Rat l-affidavit ta' **Gregory Brincat** li gie pprezentat fis-27 ta' Novembru 2013 fejn iddikjara li huwa direttur fil-kumpanija S & R (Handaq) Limited u nvolut direttament fl-operat taghha. Fir-rigward tal-kwistjoni li ghandha mas-socjeta' konvenuta huwa kien u ghadu nvolut personalment. Dan id-dizgwit inqala' fl-2006.

Ix-xhud spjega li l-kumpanija attrici tbiegh zebgha u solvents bhalma huma thinners u fost il-klijenti taghhom kien hemm il-kumpanija TSB, li kienet tixtri regolarment il-*methanol* minn ghandhom. Din il-kimika kienet titqieghed u tigi kkonsenjata f'tank apposta msejjah *isotank*. L-arrangament bejniethom kien illi s-socjeta' konvenuta zzomm ghandha zewg cilindri. Meta jispicca wiehed taqleb fuq it-tieni wiehed, tirritorna l-*isotank* il-vojt u s-socjeta' attrici tforniha b'wiehed mimli. Fi kliem iehor dan kien ftit jew wisq l-istess tip t'arrangament li hafna nies juzaw ma' tal-gass.

Huwa tenna li wara xi zmien in-negozju bejn il-partijiet spicca fis-sens illi TSB iddecidiet illi ma tibqax tixtri materjal minn ghandhom. Ghalhekk huma talbu illi jirritornawlhom it-tank [wiehed] li kien baqa' ghandhom. Huma weghdu kemm-il darba li se jirritornawh lura izda baqa' ghandhom. Wara [waqt il-kawza li fethu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar] saru jafu li TSB sahansitra ghamlu xi modifiki fl-*isotank* biex ikunu jistghu juzawh bhala *container* ghall-ilma.

Is-socjeta' attrici kienet fethet proceduri kontra TSB biex din thallashom kumpens ghall-uzu ta' dan it-tank, liema uzu kompla ghaddej minghajr il-permess u kontra x-xewqa taghhom. Huwa ghamel referenza ghax-xhieda bil-fomm li ta f'dik il-kawza huwa stess u kkonfermha mill-gdid permezz ta' dan l-affidavit. It-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sentenza tieghu tal-5 ta' April 2011, ordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) bl-imghax, pero' deher illi ppermetta lill-istess TSB li zzomm l-*isotank*.

Wara appell miz-zewg partijiet, b'sentenza tad-29 ta' Marzu 2012, il-Qorti tal-Appell annullat l-ewwel decizjoni u ddecidiet li tnaqqas il-kumpens ghal €500. Pero' fl-ebda mument ma' awtorizzat lil TSB izzomm it-tank.

Huwa stqarr li s-socjeta' attrici ppretendiet illi wara din is-sentenza tal-appell, TSB kienet ser taghtihom l-*isotank* lura. Madankollu huwa kkonferma illi ghalkemm TSB hallsithom l-ammonti dovuti lilhom skond dik is-sentenza ghadha sal-gurnata tal-lum minghajr l-*isotank* li huwa proprjeta' taghhom. Huwa cahad dak li qal Frank Sammut, direttur ta' TSB quddiem din il-Qorti nhar is-16 ta' Mejju 2013 fis-sens li huwa hallas €2,061.50 valur tar-recipjent. Is-somma li thallset kienet ta' hames mitt ewro biss u €12.82 f'imghaxijiet. L-*isotank* inzamm mis-socjeta' konvenuta. Huwa sostna li ghalhekk huma fethu din il-kawza illi biha qed jitolbu r-ritorn tat-tank jew il-hlas ta' prezzu (€2,061.50). Huma talbu wkoll kumpens ghall-uzu llegali tat-tank ghall-perjodu li mhux gia kopert bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell.

Ix-xhud esebixxa ma' dan l-affidavit zewg ittri legali mibghuta mill-avukati taghhom datati 24 ta' Lulju, 2012 u 26 ta' Frar, 2013 (Dok GR 1 u GR 2).

**Frank Sammut** xehed fil-11 ta’ Dicembru 2013 u iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur tas-socjeta’ konvenuta. Huwa spjega li huma kienu jixtru prodott minghand is-socjeta’ attrici maghruf bhala Methanol u huma kienu jixtruh sabiex juzawh bhala zejt mhux mahruq sabiex jaghmlu bio diesel. Ix-xhud stqarr li kien hemm kazijiet fejn effettivament dan il-Methanol kienu jixtruh fid-drammi u dan b’mod regolari. Darba minnhom fost l-ohrajn kien qalilhom biex jiehdu tank ta’ 1000 litru u dan biex ma joqghodux imorru u jigu kull darba, u huma accettaw. Fil-fatt is-socjeta’ attrici baghtitilhom zewg tankijiet sabiex ikollhom wiehed spare. Huwa jaf li kien hemm zmien meta ma kellux aktar il-prodott u kien hallihom bla prodott u dan ghal perjodu ta’ cirka sitt gimghat. Wiehed mit-tankijiet fil-fatt kienu rritornawh ghax ma kellhomx aktar uzu tieghu peress li kien vojt, pero’ wiehed mit-tankijiet baqa’ ghandhom peress li kien sar parti mill-impjant. Sussugwentament ix-xhud kien ircieva invoice ta’ xi tmien mitt lira Maltin, bhala hlas ghal dan it-tank. Huwa fil-fatt qallu li t-tank kien ghadu ghandhom peress li kien zammlu l-production ghal sitt gimghat, huwa kien sofra d-danni. Ghalhekk ix-xhud xtaq izomm dan it-tank bhala kumpens ghad-danni li sofra. Fil-fatt kien ghadda certu zmien u s-socjeta’ attrici ma fittxithomx u mbaghad spiccaw b’kawza l-Qorti. Fil-fatt din hija l-kawza li effettivament kienet diga’ giet deciza fil-Qorti tal-Appell u l-atti taghhom huma legati mal-process in kwistjoni. Effettivament huma kienu gew ikkundanati li jhallsu xi flejjes bhala kirjiet ta’ dan it-tank, u naturalment hallashom u segwa l-ordni tas-sentenza, u ghalhekk haseb li l-mertu tal-kawza kienet giet rizolta.

Ix-xhud tenna li ghalkemm ma kellhomx ftehim ta’ kiri bejniethom, segwa l-ordni tas-sentenza mahruga mill-Qorti tal-Appell u sussugwentament ircevew l-atti tal-kawza odjerna. Fil-fatt huwa kien gie kkundanat fis-sentenza moghtija mill-Onorevoli Imhallef Pace sabiex ihallas €500 bhala kumpens ghall-uzu ta’ dan l-

istess tank, peress li ma kienx irritorna dan l-istess recipjent. Mistoqsi jispjega x'tip ta' recipjent hu, qal li dan huwa recipjent isotank tond tal-istainless steel u fih jista' jzomm elf litru. Meta huma kienu ser juzawh dan tant ma kellu ebda uzu li fil-fatt kien jinsab abbandunat go bitha. Mieghu kien hemm xi sebgha jew tmienja ohra. Ix-xhud stqarr li dan it-tank mhux wiehed li jigi mixtri pero' jigi kkonsenjat mimli bil-materjal. Fil-fatt meta gew moghtija lilhom kienu mahmugin u kienu gew moghtija lilhom minn go bitha.

Ix-xhud recentament kien rega' tkellem mas-sur Brincat u qallu li ma ghandhomx bzonn dan it-tank u dan peress li m'ghadhomx joperaw. Fil-fatt kien qallu li llum it-tank kien jinsab f'kundizzjoni ahjar milli kien meta gie moghti lilu u offra li jaghtihulu lura. Ix-xhud qallu sabiex jigi jarah pero' huwa ghadu ma marx u t-tank ghadu ghand ix-xhud sallum. Illum il-gurnata dan ghadu fl-istess stadju hlief li m'ghandux is-supporting pillars fil-gnub, sabiex jigi supportjat tank iehor fuqu. Effettivament huwa kien jitkellem ma' hu Gregory Brincat certu Mario, ghalkemm huwa minnu li dan l-ahhar ix-xhud tkellem ma' Gregory Brincat. Ix-xhud spjega li meta qal li dawn saru parti mill-impjant taghhom, huwa ried ifisser li kien poggieh flimkien mal-armar l-iehor li kellu u kellu certu fittings. Huma ghamlu fittings mal-vitijiet li kellu hu stess; dawn kollha kienu ta' natura temporanja. Mistoqsi jekk is-socjeta' attrici kinitx taf b'dawn il-fittings li huma kienu ghamlu, qal li le ma jidhirlux li jafu. Mistoqsi kif jaf li effettivament dan l-isotank kien gie mill-Amerika qal li kien qallu s-sur Gregory u qallu wkoll li kien ilu ghandu.

**Frank Sammut** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta xehed fit-12 ta' Frar 2014 fejn esebixxa surveyor report li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument FS fejn fiha hemm valuation tat-tank in kwistjoni mertu tal-kawza.

Naturalment f'dan ir-rapport hemm ukoll ir-ritratt ta' dan it-tank. Huwa tenna li skont il-perit, il-valur ta' dan it-tank huwa ta' hames mitt ewro (€500).

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Rat is-sentenza esebita permezz ta' nota mill-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta fl-ismijiet 'Paul Xuereb vs Amabile Fiott' deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' Mejju, 1980.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza is-socjeta' attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tordna lis-socjeta' konvenuta jew li tirritorna r-recipjent tal-hadid (*isotank*) ta' elf litru proprjeta' taghha u fin-nuqqas sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-valur tal-istess recipjent fl-ammont ta' elfejn u wiehed u sittin ewro u hamsin centezmu (€2,061.50) kif jirrizulta mill-fattura esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok D  u in oltre b'zieda, talbet ukoll lil Qorti sabiex tillikwida *arbitrio boni viri* kumpens ghall-kontinwat uzu illecitu tar-recipjent imsemmi li baqa' fil-pussess tas-socjeta' konvenuta wara d-data tas-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell nhar id-29 ta' Marzu, 2012.

In linea preliminari s-socjeta' konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni kemm dwar it-talba ghall-hlas ta' kumpens ghall-uzu u dan ai termini tal-**Artikolu 2148 (f)** tal-

Kapitolu 16 kif ukoll dwar it-talba ghall-hlas tal-valur tat-tank u dan ai termini tal-A**rtikolu 2153** ta' l-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa principju assodat illi l-ezami tal-preskrizzjoni ghandu jigi nkwadrat fil-qafas tal-azzjoni intentata mill-attur. (Vide sentenza "**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma v. Oil & Construction International Limited**", Appell Civili 924/01, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' April 2004; '**Stencil Pave (Malta) Limited v. Dr. Maria Deguara et noe'**, Citaz. Nru. 1656/01, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003; '**Peter Montebello v. Peter Montebello et**', Citaz. Nru. 2713/99, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003).

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Gunju 1998, inghad:-

*"huma l-premessi ta' l-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta' l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perjodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni kellu japplika."*

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

**L-Artikolu 2148 (f) tal-Kapitolu 16** jiddisponi s-segwenti:

**2148. "***L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni*

*bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*(f) l-azzjonijiet ta' kull persuna, għall-kera ta' ħwejjeġ mobbli."*

Issa minn ezami tal-korp tar-rikors promotur jirrizulta li fl-ebda hin ma s-socjeta' attrici qed titlob xi hlas ghal xi kirjiet ta' hwejjeg mobbli li hija ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta izda qed titlob kumpens ghall-uzu illegali tar-recipjent u ghalhekk zgur li tali talba qatt ma tista tigi preskritta ai termini ta' dan l-istess artikolu. Illi mill-atti jirrizulta li tali recipjent effetivament baqa' ghand is-socjeta' konvenuta u din ma rritornatux minkejja li giet interpellata sabiex taghmel dan diversi drabi u ghalhekk ir-recipjent ghadu ghand is-socjeta' konvenuta sa llum. Illi fil-fatt din il-kawza hija bbazata fuq talba ghar-ritorn tar-recipjent u fin-nuqqas ghall-hlas tal-valur tieghu u fit-tieni lok ghall-hlas ta' kumpens ghall-uzu abbuziv tieghu ghaliex f'dan il-perijodu kollu s-socjeta' attrici ma setghetx taghmel uzu minnu. Ghalhekk it-talba odjerna mhix dwar il-kiri tal-istess oggett (vide '**Vincent Curmi vs John Bosco Bonaci'**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' April 2006) u ghalhekk tali eccezzjoni ma tapplikax ghall-kaz in ezami.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-**Artikolu 2153** tal-Kapitolu 16 b'referenza ghat-talba ghall-hlas tal-valur tat-tank issir referenza ghal dak li jiddisponi l-istess artikolu.

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn"*

Illi fil-kawza odjerna s-socjeta' attrici mhux qed titlob xi hlas ghall-hsarat mhux kagunati b'reat izda qed titlob sabiex tithallas il-valur tar-recipjent f'kaz li s-socjeta' konveuta tibqa' tinsisti li zzomm dan l-istess recipjent. L-avukat difensur tas-socjeta' attrici mar oltre u qal li anke kieku din il-Qorti kellha tammetti tali eccezzjoni l-azzjoni giet intavolata fl-gheluq is-sentejn. Dwar dan din il-Qorti ma thossx li ghandha tikkummenta u dan ghaliex fil-fehma taghha tali eccezzjoni ma ssib l-ebda konfort fil-fatti tal-kaz in dezamina.

Invokati tnejn mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati fis-subtitolu IV, tat-Titolu XXV, tat-Taqsima II tal-Kodici citat, din il-Qorti ma tistax, jekk dawk invokati jirrizultaw insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma gietx invokata [**Artikolu 2111 tal-Kodici Civili**], u lanqas tista' tikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita ('**Perit Victor Muscat –vs- Edgar Tabone'**, Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; u l-kaz li s-socjeta' konvenuta ghamlet referenza ghalih fl-ismijiet **Paul Xuereb –vs- Amabile Fiott',** Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975).

Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f'dan is-sens:

*'Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma*

*tistax tapplika terminu iehor ta' preskrizzjoni'* – '**George Cini vs Rita Camilleri'**, 26 ta' Lulju 1979.

Bl-istess mod esprimiet ruhha l-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet '**Ronald Naudi vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd**.', 26 ta' Gunju, 2003:

'*Minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 2111 tal-Kap 16, il- Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qieghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizjattiva.'*

Ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi tindaga liema artiklu huwa applikabbli ghall-kaz. Il-preskrizzjoni hija materja ta' natura koxjenzjuza u sta ghal min jeccepiha illi jindika l-artikolu b'mod preciz u jipprova t-trapass taz-zmien. Ghalhekk galadarba l-preskrizzjoni indikita mis-socjeta' konvenuta ma hijiex dik applikabbli tal-kaz, din il-Qorti ghandha tieqaf hawn u l-ebda indagni ohra ma hi permessa.

Konsegwentement, din il-Qorti qieghda tichad iz-zewg eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mis-socjeta' konvenuta.

Dwar il-mertu s-socjeta' konvenuta sostniet li t-tieni u t-tielet talba huma nkompatibbli. Dwar dan, din il-Qorti ma taqbilx in toto u dan ghaliex fil-fatt tali

zewg talbiet huma laternattivi ghal xulxin fis-sens li jekk il-Qorti tilqa' it-tieni talba allura tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba. Huwa ovvju li jekk din il-Qorti se tasal sabiex tilqa' t-talba attrici sabiex is-socjeta' konvenuta tirritorna r-recipjent is-socjeta' attrici, mhix ser takkolji wkoll it-talba sabiex is-socjeta' konvenuta thallasha wkoll il-valur tal-oggett.

Is-socjeta' konvenuta fil-mertu teccepixxi li l-ebda ammont ma huwa dovut stante li l-istess atturi kienu rrinunzjaw ghall-hlas tal-prezz tat-tank u in segwitu teccepixxi wkoll li l-prezz mitlub huwa esagerat.

Illi naturalment min jeccepixxi li l-ebda ammont mhu dovut jispetta lilu jghid ghaliex; fil-fatt fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. Ghalhekk kien jispetta lis-socjeta' konvenuta tipprova li s-socjeta' attrici kienet irrinunzjat ghall-hlas tal-prezz tat-tank. Haga li lanqas biss ittentat taghmel.

Illi s-socjeta' attrici stqarret li hija kienet ikkonsenjat recipjent (*isotank*) lis-socjeta' konvenuta sabiex tistorja l-kimika li l-istess socjeta' konvenuta kienet tixtri minghandha. Illi skond ix-xhieda ta' Gregory Brincat, li ma gietx kontradetta mis-socjeta' konvenuta, n-negozju ta' bejn is-socjetajiet kontendenti spicca ghalhekk illum is-socjeta' attrici trid tiehu lura dan ir-recipjent taghha. Illi in segwitu s-socjeta' attrici fethet kawza quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar fejn talbet li tigi kkumpensata minghand is-socjeta' konvenuta ghall-uzu illegittimu ta' dan it-tank u fil-fatt il-Qorti tal-Appell kienet illikwidat il-kumpens fis-somma ta' hames mitt ewro u dan fid-29 ta' Marzu 2012. Minkejja dan pero' s-socjeta' konvenuta baqghet izzomm dan ir-recipjent u kien ghalhekk li giet istitwita din il-kawza. Li kieku dak li allegat is-socjeta' konvenuta kien minnu u

cioe' li s-socjeta' attrici kienet irrinunzjat ghall-hlas ta' dan ir-recipjent kieku ma kinitx tipprezenta l-kawza li gja giet deciza ghall-kumpens ghall-uzu kontinwu li ma kienx awtorizzat u di piu' ma kinitx tigi inizjata l-kawza odjerna fuq premessa simili ghall-perjodu differenti.

Illi fil-fatt meta Frank Sammut jixhed, huwa ma jghidx li s-socjeta' attrici ma kienitx qed tippretendi l-hlas tar-recipjent izda jghid li huwa kien zamm it-tank bhala kumpens ghal danni li huwa sofra minhabba xi dewmien fil-production. Illi pero' eccezzjoni f'dan ir-rigward ma saritx u lanqas kontro-talba ghal xi danni li qed jippretendi li sofra. Frank Sammut ghas-socjeta' konvenuta jghid ukoll li kuntratt ta' kiri bejnu u s-socjeta' konvenuta dwar dan ir-recipjent ma kienx hemm u allura l-Qorti tistaqsi x'kien qed jippretendi s-sur Sammut li jaghmel uzu minn dan ir-recipjent *arbitrio patria* una volta n-negozju ta' bejniethom spicca.

Ma hux kontestat li r-recipjent fil-fatt jappartjeni lis-socjeta' attrici u minkejja dan is-socjeta' konvenuta qabdet *a sua sponte* u ghamlet xi fittings f'dan ir-recipjent sabiex taghmel aktar uzu minnu. Meta s-sur Sammut gie mistoqsi jekk gharrafx lis-socjeta' attrici dwar dan jghid li m'ghamel xejn minn dan.

Dwar il-kumpens din il-Qorti rat li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fl-ismijiet premssi moghtija nhar id-29 ta' Marzu 2012 kienet illikwidat kumpens fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500) ghall-uzu ta' recipjent ghal perjodu ta' erba' snin u ghalhekk tali sentenza rabtet ftit idejn din il-Qorti u dan ghaliex fil-fehma taghha tali somma hija negligibbli. Nonostante dan pero' hija sejra zzomm fuq dan il-kumpens gia likwidat bhala gwida ghaliha.

**Ghalhekk fic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li t-talba attrici hija gustifikata u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta qieghda tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta a spejjez taghha tirritorna dan ir-recipjent (isotank ta' elf litru) lis-socjeta' attrici u dan fi zmien xahar mil-lum. Fin-nuqqas li taghmel dan fiz-zmien moghti lilha, ghandha thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba mis-socjeta' attrici fir-rikors promotur taghha fl-ammont ta' elfejn u wiehed u sittin ewro u hamsin centezmu (€2,061.50) u qieghda wkoll tordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma likwidata minnha *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (€250) rapprezentanti din is-somma l-kumpens ghall-uzu ta' dan ir-recipjent mid-29 ta' Marzu 2012 (id-data tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell) sa llum u cioe' ghall-perjodu ta' sentejn.**

**Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta u l-imghax jibda jiddekorri mil-lum.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------